MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Rikors Numru. 87/2006/1

**Carmelo Zammit (ID 692343M) u Doris Attard Cassar (ID 540557M)**

**vs**

**John Gatt (ID 264758M) u Spiro Cassar (ID 406153M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li permess tieghu ir-rikorrenti wara li ddikjaraw:

“Illi huma jikru lill-intimati l-fond kummercjali li jismu ‘St Joseph’, Labour Road, Zabbar konsistenti f’workshop u mahzen versu l-kera komplessiv ta’ Lm1101 li jithallsu kull erba’ xhur bil-quddiem u l-iskadenza li tmiss taghlaq fl-1 ta’ Jannar 2007.

Illi l-intimati naqsu milli jhallsu l-kera tal-iskadenza li ghalqet fl-1 ta’ Mejju 2006 ammontanti ghal-Lm.367

minkjejja li gew interpellati permezz ta’ ittra bonarja tal-21 ta’ Gunju 2006 li giet lilhom notifikata fl-24 ta’ Gunju 2006.

Illi inoltre l-intimati naqsu li jhallsu l-kera tal-iskadenza sussegwenti tal-1 ta’ Settembru 2006 u billi dakinhar ma kienux lanqas ihallsu l-iskadenza precedenti, fl-interpellazzjoni gew mitluba biex ihallsu l-iskadenzi komplessivament ammontanti ghal Lm734 permezz ta; ittra bonarja tas-7 ta’ Settembru 2006 li giet notifikata lillhom it-tnejn fit-13 ta’ Settembru 2006.

Illi sal-prezentata ta’ dan ir-rikors l-intimati ma hallsu xejn u ghalhekk huma moruzi mill-hlas tal-kera u b’hekk kissru d-disposzzjonijiet tal-Artikolu 9 a (i) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizza lill-esponenti jirriprendu l-pussess tal-fond mikri lill-intimati fuq imsemmi u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimati fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom hekk prefiss.

Bl-ispejjes u b’rizerva ghall-proceduri ulterjuri spettenti lir-rikorrenti.

Ra illi l-intimati debitament notifikati, naqsu milli jirregistraw risposta ghat-talba tar-rikorrenti u minkejja li din ma tammontax ghall-ammissjoni skond il-ligi, huma naqsu ukoll milli jidhru f’dawn il-proceduri biex iressqu l-provi taghhom.

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra illi r-rikorrent Carmelo Zammit ikkonferma bil-gurament tieghu il-kontenut tar-rikors promutur fejn ghalhekk jirrizulta illi l-intimati naqsu milli jhallsu zewg skadenzi jew aktar tal-kera dovuta lir-rikorrenti.

Ghal dawn il-mottivi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tawtorizzahom jirriprendu l-fond konsisenti f’workshop u mahzen denominat “St. Joseph” u sitwat f’Labour Road, Zabbar u dan wara tlett gimghat mil-lum u jiffissa l-perjodu

ta' tlett gimghat perentorju li fih l-intimati ghandhom jizgombraw mil-fond imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------